# IT-TIELET MAWRA TAL-BANDA SANT'ELENA F'TUNEŻ

*Tagħrif miġbur minn Ġużi Mallia*

F'avviż f'gazzetta lokali Il-Berqa tal-25 ta' Ġunju 1938 (53 sena ilu, insibu li kienet sejra ssir ġita għal Tuneż mal-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara għall-festi nazzjonali Franċiżi (ma ninsewx li l-festa nazzjonali Franċiża hija ta' l-14 ta' Lulju ta' kull sena) li kienu jsiru ġewwa Tuneż (peress li Tuneż kienet kolonja Franċiża). It-tluq kellu jkun minn Malta nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju 1938 u r-ritorn lejn Malta minn Tuneż nhar it-Tnejn ta' wara t-18 ta' Lulju, mal-vapur tal-Kumpanija Tirrenia. Il-prezzijiet għall-passaġġ bir-ritorn kien hekk, 1a Klassi £3-12-6 (Lm3.62,5), 2a Klassi £2-13-6 (£m2.67,5) kompriż l-ikel abbord u 3a Klassi £1-7-0 (Lm1.35,0) bla ikel abbord.

Kull min kien irid imur mal-Banda u ma kellux passaport, il-Kumitat jeħodlu ħsieb kollox sa disgħat ijiem qabel il-ġita. Kull min imur mal-Banda jkollu l-istess privileġġi u stedin li jkollha l-Banda.

Meta tħares lejn il-prezzijiet jaqbdek id-daħk, għax illum jekk trid tikri taxi trid wisq aktar minn passaġġ bir-ritorn għal Tuneż.

F'ħarġa tal-gazzetta lokali (Il-Berqa ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 1938) insibu li l-Banda ħadet sehem importanti fil-Festa Nazzjonali Franċiża u kellha laqgħat kbar tant mill-Kolonja Maltija, kif ukoll min-nies tal-pajjiż, tant li reġgħet lura f'Malta mgħobbija b'għadd ta' rigali li ngħatawlha mill-ammiraturi tagħha. Dawn ir-rigali ġew mogħtija lill-Banda 1. Standard regalat mill-Bey ta' Tuneż, 2 statwa tal-Bronż mingħand il-Kumitat li twaqqaf apposta biex jilqa' lill-Banda, 3 statwa tal-bronż mingħand M. Bondin, rappreżentant tal-Maltin ta' Tuneż, 4 set tal-bronż b'gabarre intarzjat mingħand il-President tas-Societe Ouvriere Maltaise a Tunis, 5 tazza tal-fidda mingħand il-President tal-British Chamber of Commerce 6, tazza tal-fidda mingħand il-Commissioner ta' li Scouts, 7 tazza oħtra tal-fidda mingħand id-ditta Licari, 8 tazza tal-fidda mingħand M. Sass, President tal-Banda ta' Bona. Barra minn hekk il-Federazzjoni Mużikali ta' Pariġi tat żewġ midalji, waħda lill-President tal-Banda u l-oħra lis-Surmast Busuttil. Lis-Surmast Busuttil ingħata wkoll bħala rigal arloġġ ta' l-irħam fil-waqt li ibnu (Philip, li kien wieħed minn ta' l-ewwelnett li safa vittma tal-gwerra) ġie mogħti arloġġ ta' l-idejn tad-deheb.

Uffiċjali tas-soċjetà ġew mogħtijin onorifiċenzi mill-Bey Tuneż, fosthom is-Surmast Busuttil li ġie maħtur Kavallier. Is-Sur Licari, ta' nisel Malti li kellu negozju kbir ġewwa Tuneż, għamel stedina biex il-Banda u l-ammiraturi Maltin li marru magħha, daqs 300 ruħ b'kollox, jiġu servuti breakfast gratis kull fil-għodu sakemm il-Banda ddum Tuneż. Stedin ieħor ġie mingħand ir-Resident Ġenerali Franċiż u l-Konsli Ġenerali Ingliż. Fil-Każin tal-Banda Duke of Connaught (ta' Tuneż, għax kien hemm Banda b'dan l-isem ukoll), il-Banda Sant'Elena kellha laqgħat kbar u saru diskorsi bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Malti.

Meta l-Banda reġgħet lura lejn Malta, kellha laqgħat kbar mill-ammiraturi Karkariżi, għax il-Banda tagħna kellha l-ħila li bħala ambaxxatriċi twassal il-bxara t-tajba lill-Maltin imbegħdin minn art twelidhom.





A. *F'dan ir-ritratt naraw il-banda Sant'Elena qabel ma rifset Tuneż, bl-uniformi, quddiem is-Santwarju tal-Ħerba.*

B. *Dan ir-ritratt juri l-midalji li ngħataw lis-Surmast u lill-bandisti fit-Tielet żjara ta' Tuneż – midalji li jinsabu fil-Każin tagħna.*